DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/467

tal-25 ta' Marzu 2020

li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u l-31 ta' Lulju 2021 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019)2249 final

(notifikata bid-dokument C(2020) 1795)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ([2]), l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema tal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (l-iskema għall-iskejjel), iridu jippreżentaw it-talba tagħhom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika li jmiss, u fejn applikabbli, jaġġornaw it-talba għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika attwali.

(2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 137(1) tal-Ftehim dwar l-irtirar tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija, il-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni impenjati taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 jew perspettivi finanzjarji preċedenti għandhom jiġu implimentati fl-2019 u fl-2020 fir-rigward tar-Renju Unit abbażi tad-dritt tal-Unjoni applikabbli.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-iskema għall-iskejjel, jenħtieġ li tiġi ffissata l-allokazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri parteċipanti, abbażi tal-ammonti indikati fit-talba għall-għajnuna tal-Unjoni minn dawk l-Istati Membri u billi jitqiesu t-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet indikattivi tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 23a(4)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(4) L-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni bit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2020 sal-31 ta' Lulju 2021, billi speċifikaw l-ammont ta' għajnuna meħtieġ għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel jew għall-ħalib fl-iskejjel, jew għaż-żewġ partijiet tal-iskema. Fil-każ tal-Belġju, ta' Franza, ta' Ċipru u tal-Iżvezja, l-ammonti mitluba qiesu t-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet indikattivi.

(5) Sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal sħiħ tal-fondi disponibbli, jenħtieġ li l-għajnuna tal-Unjoni mhux mitluba tiġi allokata mill-ġdid lill-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel li fit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni, jindikaw li huma jinsabu lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva tagħhom, jekk ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali.

(6) Fit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u l-31 ta' Lulju 2021, l-Iżvezja u r-Renju Unit talbu anqas mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u/jew għall-ħalib fl-iskejjel. Fit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja nnotifikaw li huma jinsabu lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex u/jew għall-ħalib fl-iskejjel.

([1]) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(7) Abbażi tal-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi ffissata l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u l-31 ta' Lulju 2021.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)2249 final [4] iffissat l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħaxix fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2019 u l-31 ta' Lulju 2020. Xi Stati Membri aġġornaw it-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta ma' dik is-sena skolastika. Il-Ġermanja, Spanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija nnotifikaw it-trasferimenti bejn l-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u l-allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel. Il-Belġju, in-Netherlands u l-Portugall talbu anqas mill-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u/jew għall-ħalib fl-iskejjel. Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja fit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni nnotifikaw li huma jinsabu lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex u/jew għall-ħalib fl-iskejjel.

(9) Abbażi tal-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019)2249 final tiġi emendata.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u l-31 ta' Lulju 2021 hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019)2249 final huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)2249 final tas-27 ta' Marzu 2019 li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2019 u l-31 ta' Lulju 2020 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2018)1762 final.

ANNESS I

IS-SENA SKOLASTIKA 2020/2021

(fEUR)

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel	Allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel
Il-Belġju	3 405 459	1 613 200
Il-Bulgarija	2 562 226	1 145 871
Iċ-Ċekja	3 918 810	1 813 713
Id-Danimarka	2 249 220	1 578 867
Il-Ġermanja	24 582 347	10 712 157
L-Estonja	542 176	727 890
L-Irlanda	2 238 463	1 029 094
Il-Greċja	3 218 885	1 550 685
Spanja	16 237 995	6 302 784
Franza	17 990 469	17 123 194
Il-Kroazja	1 636 896	874 426
L-Italja	20 493 267	9 016 105
Ċipru	390 044	400 177
Il-Latvja	769 194	736 593
Il-Litwanja	1 089 604	1 082 982
Il-Lussemburgu	333 895	204 752
L-Ungerija	3 666 098	1 927 193
Malta	319 478	200 892
In-Netherlands	6 683 866	2 401 061
L-Awstrija	2 796 946	1 250 119
Il-Polonja	14 394 215	10 941 915
Il-Portugall	3 283 397	2 220 981
Ir-Rumanija	7 866 848	10 771 254
Is-Slovenja	701 580	359 649
Is-Slovakkja	2 098 537	1 004 766
Il-Finlandja	1 599 047	3 824 689
L-Iżvezja	0	9 217 369
Ir-Renju Unit	0	4 898 661
TOTAL	**145 068 962**	**104 931 038**

ANNESS II

"ANNESS I

IS-SENA SKOLASTIKA 2019/2020

(f'EUR)

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel	Allokazzjoni definittiva għall-ħalib fl-iskejjel
Il-Belġju	2 506 459	855 200
Il-Bulgarija	2 592 914	1 156 473
Iċ-Ċekja	4 163 260	2 103 744
Id-Danimarka	1 807 661	1 460 645
Il-Ġermanja	26 436 867	10 437 134
L-Estonja	573 599	765 332
L-Irlanda	2 266 887	1 201 217
Il-Greċja	3 218 885	1 550 685
Spanja	17 454 573	6 136 910
Franza	17 990 469	17 123 194
Il-Kroazja	1 660 486	800 354
L-Italja	20 811 379	9 120 871
Ċipru	390 044	400 177
Il-Latvja	814 976	788 002
Il-Litwanja	1 144 738	1 150 401
Il-Lussemburgu	381 828	165 000
L-Ungerija	3 886 202	2 171 100
Malta	296 797	211 122
In-Netherlands	7 255 860	1 320 848
L-Awstrija	3 116 669	1 113 019
Il-Polonja	14 579 625	11 005 606
Il-Portugall	1 553 912	2 151 570
Ir-Rumanija	6 866 848	11 301 317
Is-Slovenja	708 635	362 276
Is-Slovakkja	2 206 132	1 140 984
Il-Finlandja	1 599 047	3 824 689
L-Iżvezja	0	8 998 717
Ir-Renju Unit	0	4 898 661
TOTAL	**146 284 753**	**103715247"**